Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 151/2013

Il-Pulizja

Vs

Anthony Borg

Peter Paul Testaferrata Moroni Viani

Illum 20 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Anthony Borg detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 111038M u Peter Paul Testaferratra Moroni Viani detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 562660M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Bi ksur ta` l-Artikolu 18(8) tal-Kap409, wara li fit-28 ta` Gunju 2012 kienu intrabatu b'kuntratt jew xort'ohra ntrabatu li tipprovdu akkomodazzjoni u servizzi ohra fil-La Vallette Resort (H/0404) u St. George's Park (H/0167) lil turisti (jew studenti) bejn l-10 ta` Lulju 2012 u d-9 ta` Lulju 2013, fl-10 ta` Novembru 2012 u l-granet ta` wara inthom inqastu li tipprovdu akkomodazzjoni lit-turisti fil-La Vallette Resort u St. George's Park u nqastu li taraw li dawn it-turisti li lilhom, jew dwarhom, l-akkomodazzjoni u servizzi ohra kellhom jigu provduti, jinghataw akkomodazzjoni u servizzi simili f'lukanda ohra ta` l-istess kategorija ghola li tkun tinsab kemm jista jkun vicin il-lukandi tieghek.

Il-prosekuzzjoni talbet li jekk l-imputati jinstabu hatja minn din l-Onorabbli Qorti, jigu ordnati jottempraw rwiehhom mal-ligi u kkundannati ihallsu multa ai termini tad-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 43(1)u (2) tal-Kap409 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18(8) u 43 tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lill-imputat Peter Paul Testaferrata Moroni Viani hati ta` l-imputazzjoni dedotta u iikkundannatu ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` tlett (3) elef Ewro (€3000); sabet lill-imputat Anthony Borg hati ta` l-imputazzjoni dedotta u ikkundannatu ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` tlett (3) elef Ewro (€3000).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Anthony Borg u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' April, 2013, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata u tiddeciedi bili tilliberahom minn kull piena u imputazzjoni.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti li huma s-segwenti w cioe':-

l-ewwel aggravju – artikolu mhux applikabbli

Illi l-appellanti umilment jissottomettu illi l-artikolu 18(8) tal-Kap 409 ma jkoprix is-sitwazzjoni li kellha u ghandha quddiemha l-Qorti u huwa ghal kollox inapplikabbli f'kaz bhal dak odjern.

Illi jekk wiehed jifli l-artikolu li ga gie citat, jidher illi l-elementi tar-reat prospettat fih huma s-segwenti:

i. Illi hem kuntratt/ftehim ezistenti illi bih l-imputati ntrabtu illi jipprovdu akkomodazzjoni fil-lukanda taghhom.
ii. Li l-imputati ma zammewx dak il-kuntratt jew rabta ezistenti.
iii. Li l-imputati naqsu illi jassiguraw illi l-klijenti jkollhom akkomodazzjon alternattiva u li [a] fejn il-prezz ta' tali akkomodazzjoni ikun oghla jidhlu responsabbli ghad-differenza u [b] fejn il-kategorija tal-lukanda tkun aktar baxxa, li jhallsu lura d-differenza fil-prezz.

Illi l-ahhar element b'mod partikolari juri bic-car illi l-artiklu in kwistjoni qieghed jirreferi ghal sitwazzjoni ta' *overbooking* u/jew ghal sitwazzjonijiet simili fejn ghalkemm lukandier intrabat illi jipprovdi akkomodazzjoni, mhux qieghed f'sitwazzjoni fizika/logistika li jaghmel dan. Dan huwa konfermat ukoll mill-fatt illi l-ligi titlob illi f'kaz illi l-akkomodazzjoni alternattiva tkun f'kulanda ta' kategorija aktar baxxa, il-lukandier "ihallas lura minnufih" id-differenza fil-prezz. Kjarament, dan jipprezumi illi l-lukandier ikun ircieva hlas ghall-akkomodazzjoni.

Illi huwa car illi l-obbligu li lukandier jipprovdi akkommodazzjoni alterattiva bla hlas ma jaghmilx sens b'cirkostanzi bhal dan il-kaz, fejn il-lukandier qieghed isostni illi mhux marbut illi joffri soggorn ghaliex ma rceviex il-hlas dovut.

Kif se jigi sottomess f'aktar dettall, Tourist Services Limited issostni illi hija ma cahhditx lill-istudenti milli jibqghu joqoghodu fil-lukanda, izda naturalment talbithom illi jhallsu ghal tali akkommodazzjoni. Madankollu, anke minghajr ma wiehed jikkunsidra f'dettall il-provi mressqa, huwa palezi illi l-appellanti qatt ma kellhom jinstabu tal-akkuza kif dedotta ai termini tal-artiklu msemmi ghaliex l-imsemmi artiklu huwa mahsub illi jkopri sitwazzjoni totalment differenti minn dik odjerna.

It-tieni aggravju – akkuza mhux sorretta mill-provi

Illi kif ga ntqal, l-elementi tal-Artikolu 18(8) jistghu sintetikament jingabru fis-segwenti:

i. Kuntratt/ftehim ezistenti illi bih l-imputati ntrabtu illi jipprovdu akkomodazzjoni
ii. Ir-rabta ma nzammitx
iii. Li l-imputati naqsu illi jassiguraw illi l-klijenti jkollhom akkomodazzjoni alternattiva.

L-appellanti jissottomettu illi dawn l-elementi ma gewx ippruvati f'dan il-kaz.

"Rabta li ma nzammitx"

Illi jinghad qabel xejn illi l-akkuza hija fis-sens illi l-akkuzati naqsu illi jipprovdu akkomodazzjoni u servizzi ohra lil "turisti (jew studenti)" u dana bi ksur tal-artikolu 18[8] tal-Kap 409.

Kif ga ntqal, mill-provi irrizulta car illi l-ftehim ta' Tourist Services Limited ma kienx mal-"istudenti" in kwistjoni izda kien ma' Jasmin Voss, fil-kwalita' taghha ta' operatrici tas-sit tal-internet *Maltarooms.com.* Kienet Voss illi kellha ftehim mal-klijenti taghha.

Illi l-ewwel Qorti accettat il-verzjoni tal-fatti mressqa mill-akkuzati (li, *del resto*, giet konfermata minn Voss stess), cioe illi Voss waqghet lura fil-pagamenti taghha u dan bi ksur tal-kuntratti taghha ma' Tourist Services Limited illi jispecifikaw illi *The Client [Malta Rooms] will pay the Owner/Manager for the arrangements in accordance with the terms set out herein. In the event of the Client failing to make payment within 14 days from the terms set out, the Owner/Manager shall be under no obligation to accommodate the Client.*

Illi ghalhekk huwa car illi fit-12 ta' Novembru, 2012 Tourist Services Limited ma kien fadlilha ebda "kuntratt jew rabta biex tipprovdi akkommodazzjoni" u dan

mhux biss ai termini tal-kuntratti specifici ma' Voss, imma anke taht principji generali ta' ligi kummercjali. Fil-fatt, il-Kodici Kummercjali [Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula illi:

> 117. Fil-kuntratti kummercjali, il-kondizzjoni rizoluttiva tacita msemmija fl-artikolu 1068 tal-Kodici CIvili tholl il-kuntratt *ipso jure*

Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti ma jaqblux mal-ewwel Qorti meta din sabet illi huma ma 'zammewx ir-rabta'. Ghall-kuntrarju, kienet Jasmin Voss illi kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim bejn il-partijiet. Bhala konsegwenza, Tourist Services Limited ma setghetx titqies illi ghadha 'marbuta li tipprovdi akkommodazzjoni'. Ghalkemm din hija kawza ta' natura kriminali, hija msejsa fuq l-element ta' *kuntratt jew rabta* u ghalhekk bir-rispsett isegwi illi jekk dan il-kuntratt ma jezistix jew gie terminat, jew l-istess kuntratt jipprovdi li ma kien hem ebda obbligu ta' provvista ta' akkomodazzjoni f'kaz li pagament ma jsirx, certament illi ma jistax jaghti lok ghal xi forma ta' responsabbilita' kriminali taht l-Artikolu 18(8).

Illi jekk wiehed jiehu l-argument tal-ewwel Qorti sal-konkluzjoni logika tieghu, Tourist Services Limited kienet obbligata li takkomoda lill-istudenti klijenti ta' Voss sa Lulju 2013, minghajr ma tithallas – kwazi hdax-il xahar ta' soggorn b'xejn – filwaqt illi Jasmin Voss tgawdi l-hlasijiet li lahqet gabret minghand il-klijenti taghha. Jista' dan jaghmel sens logiku jew legali?

Illi l-imputati jistghu japprezzaw id-deluzjoni tal-istudenti ghal dak li gara, pero' b'kull rispett dan kollu kien konsegwenza tal-agir ta' Jasmin Voss li gabret flus minghandhom u, milli jidher, wzathom ghal skopijiet ohra. Ghal ragunijiet li baqghu mistura, l-Awtorita' tat-Turizmu u l-Pulizija ghazlu li ma jehdux passi kontra Voss izda illi jipprocedu b'certu akkaniment kontra l-esponenti. B'kull rispett, donnu l-Awtoritajiet insew illi Jasmin Voss abbandunat lill-klijenti taghha meta dawn gew infurmati li bl-agir taghha huma sfaw bla arlogg. Voss ittellghet tixhed daqs li kieku kienet xi 'parti leza' meta fil-verita' hija mhux biss zammet immisapproprjat flus tal-istudenti li *ex admissis* naqset li tghaddi lil Tourist Services Limited, izda sahansitra

ippruvat tapprofitta mis-sitwazzjoni billi regghet staqsiet lill-klijenti taghha ghal flus li gja kienu hallsu biex isibilhom allogg gdid!

Prosekkuzzjoni "when the issue arose….did you try to contact Jasmine Voss?

Xhud Huseyn AK "we tried to contact her 300 times but she didn't answer our calls"

Huseyn AK "She promised us that she was coming on the 13th of November to speak with us and the Manager and all the students but she didn't come"

> Xhud Alexandra Kousiouris "No she [Jasmen Voss] did not give us our money back but she sent us a message that she found another place for us <u>but we had to pay her again for that apartment</u>"
>
> Skond ix-xhud hija kienet ghall-akkomodazzjoni bil-quddiem sad-19 ta' Jannar 2013 pero Voss la tghata rcevuta u l-anqas kopja tal-kuntratt. Il-flus ma gewx mghoddija
>
> Xhud Shameeza Talib "the message ws that I needed my contract because she didn't gave [sic] me one that I signed and I needed that….No she never replied"

L-appellanti jissottomettu ghalhekk illi huma ma kellhom ebda "rabta" mal-istudenti, li l-ftehim taghhom kien, semmai, ma' Jasmin Voss, li kienet l-istess Voss li kisret il-ftehim meta ma baqghetx thallas il-pagamenti dovuti minnha, u li ghaldaqstant ma jistax jinghad illi kien hem xi "rabta li ma nzammitx" kif jghid l-Artiklu 18(8) tal-Kap 409.

A contrario senso kienet Voss li kienet taf li l-obbligazzjonijiet tal-akkuzati kienu jezitu biss jekk hi taghmel il-hlasijiet puntwalment. Jerga jigi kkwotat l-artikolu 2 tal-kuntratt:

*In the event of the Client [**Voss**] failing to make payment within 14 days from the terms set out, the Owner/Manager [**akkuzati] shall be under no obligation to accommodate the Client.***

Illi ghalhekk huwa palesi li kuntrattwalment ladarba kien car li Voss ma onoratx il-hlasijiet l-akkuzati ma kellhom ebda rabta kif trid il-ligi.

<u>Akkomodazzjoni alternattiva</u>

Element iehor fl-artiklu li fuqu hija msejsa l-akkuza huwa fis-sens illi l-imputati ma assigurawx illi l-klijenti jinghataw akkomodazzjoni alternattiva.

Illi diga' ntqal illi fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, dan l-element huwa totalment inapplikabbli u barra minn loku. L-appellanti qed isostnu illi huma ma kellhom ebda obbligu joffru akkomodazzjoni ulterjuri, u ghalhekk isegwi li, skont l-appellanti, lanqas seta' jitqies li kellhom obbligu illi "jipprovdu akkomodazzjoni alternattiva".

Fi kwalunkwe' kaz pero l-appellanti jirrilevaw illi huma qatt ma cahhdu lill-istudenti mill-allogg fil-ludandi taghhom imma sempliciment infurmawhom illi billi hlas ma kienx qed isir, huma kellhom ihallsu direttament ghas-soggorn taghhom. Dan pero' ma jfissirx li cahhduhom minn akkomodazzjoni – anzi, xi student ghazlu li jhallsu biex jibqghu joqghodu fil-kumplessi tal-appellanti.

Ghalhekk, bir-rispett lanqas dan l-element ma jirrizulta.

**Kjarifika**

Huwa kkontestat li l-istudenti ma kienx inghatalhom pre-avviz adegwat u dana jirrizulta ampjament mill-fatt li meta l-mangement biddel s-serratura l-ewwel darba is-Sibt 10 ta' Novembru 2012 [ghaliex nstabet persuna mhux registrata] l-istess student kienu marru l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan jaghmlu rapport, liema rapport gie segwit b'email mill-imputat Peter Paul Testaferrata lill-ispettur Ramon Grech Mifsud fejn hu car li kemm l-istudenti u kemm il-pulizija kienu nfurmati bl-

intenzjoni tal-management. [email ezebita ghall-konvenjenza bhala dokument X] Filfatt l-istudenti li ma riedux ihallsu tal-allogg telqu fit-13 ta' Novembru 2012 [tlett ijiem wara]

Anthony Cutajar tal-Awtorita' tat-turizmu sostna erronjament li skond hu l-istudenti ntalbu jitilqu ghaliex l-lukanda kienet giet mghoddija b'franchise lid-ditta nternazzjonali Blue Sea u ghalhekk riedu jghaddu l-istess lukanda vojta. Din hi fabbrikazzjoni gratwitat ghaliex l-imputati sahansitra eskludew il-kmamar tal-istudenti mill-kuntratt ma Blue Sea u kopja tal-ftehim b'tali eskluzzjoni gie esebit ukoll fl-atti tal-kawza.

**Konkluzjoni**

L-appellanti jsostnu illi huma ma ghandhom jinsabu hatja skond l-akkuza u dan ghaliex:

1. L-elementi tal-artikolu 18[8] tal-Kap 409 li jitratta dwar *overbooking* mhux applikabbli ghall-kaz.
2. Mill-provi jirrizulta li l-imputati qbew l-obbligi taghhom skond il-ftehim li kellhom ma Jasmine Voss imma mhux vici versa.
3. L-imputati offrew akkomodazzjoni cioe li jibqghu fil-kamra basta dan isir bi hlas.

U dana kollu fl-isfond li Jasmine Voss gabret il-flus minghand l-istudenti, u m'ghaddithomx lil min kienet obbligata li taghmel kuntrattwalment giet avzata bil-miktub bil-konsegwenzi tal-agir taghha u b'hekk pprovokat u kienet unikament responsabbli ghall-akkadut.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti isibu oggezzjoni ghad-decizjoni impunjata billi fl-ewwel lok isostnu illi l-artikolu 18(8) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta ma isibx applikazzjoni ghal fattispecje partikolari tal-kaz. Dan ghaliex fil-fehma taghhom ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt jew ftehim milhuq bejnhom in rappresentanza tas-socjetajiet kummercjali rispettivi minnhom gestiti u ir-rappresentant tas-socjeta Malta Rooms certu Jasmine Voss li minn naha taghha naqqset li tottempera ruhha mal-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' akkomodazzjoni milhuq bejniethom meta naqqset milli taghmel il-pagamenti ghas-servizz ipprovdut mill-lukanda lill-klijenti taghha.

Illi l-artikolu 18(8) tal-Kapitolu 409 jipprovdi hekk:

> **"Fil-każ li lukandier jagħmel kuntratt jew xort'oħra jintrabat biex jipprovdi akkomodazzjoni u servizzi oħra, jekk ikun il-każ, fil-lukanda tiegħu <u>u ma jżommx il-kuntratt jew ir-rabta</u>, mingħajr preġudizzju għal kull jedd jew rimedju ieħor disponnibli lill-persuna li magħha l-lukandier ikun għamel il-kuntratt jew xort'oħra ntrabat u mingħajr preġudizzju għal kull linja difensiva li l-lukandier jista' jkollu, huwa għandu jara li t-turist jew it-turisti li lilhom, jew li dwarhom, l-akkomodazzjoni u servizzi oħra kellhom jiġu provduti, jingħataw akkomodazzjoni u servizzi simili f'lukanda oħra tal-istess kategorija jew ta' kategorija ogħla li tkun tinsab kemm jista' jkun viċin il-lukanda tiegħu u l-lukandier ikun responsabbli għall-ħlas ta' kull differenza bejn il-prezz għall-akkomodazzjoni u għal servizzi oħra li kellhom jiġu provduti fil-lukanda tal-lukandier u l-prezz li jitħallas f'dik il-lukanda l-oħra." (**sottolinjar tal-Qorti)

Illi s-sanzjoni tal-ligi allura hija diretta lejn il-lukandier li jonqos milli jaderixxi mal-obbligi kontrattwali minnu assunti f'kuntratt jew ftehim milhuq bejnu u il-klijent tieghu sabiex jipprovdi akkomodazzjoni u servizzi ohra lit-turist. Issa l-appellanti johorgu bid-difiza illi dan l-artikolu tal-ligi japplika ghal dawk il-kazijiet fejn isehhu *overbookings* mill-lukandier u dan meta jkun fuq saqajh ftehim ma' operaturi turistici. Illi sabiex tqies din il-linja difenzjonali, l-Qorti kellha tirrikorri necessarjament lejn il-hsieb tal-legislatur wara il-promulgazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi u dan fid-dibattiti parlamentari li saru meta gie promulgat l-Att dwar Servizzi ta'l-Ivjaggar u

tat-Turizmu ghal Malta u dan lura fl-1999 permezz ta'l-Att XII tal-1999. Illi fl-istadju ta' Kumitat din id-disposizzjoni tal-ligi giet proposta b'dan il-mod.

> **"(8) Lukandier m'għandux jikkuntratta jew xort'oħra jintrabat li jipprovdi akkomodazzjoni u servizzi oħra, jekk ikun il-każ, fil-lukanda tiegħu iżjed minn dawk il-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni hekk kif, fil-waqt li sar il-kuntratt jew saret ir-rabta, dawn kienu diġa' inklużi fil-kuntratt jew xort'oħra fir-rabta favur persuni oħra.**
>
> **(9) Fil-każ li lukandier jaġixxi bi ksur tas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu u ma jkunx kapaċi jonora kuntratt magħmul jew rabta magħmula sabiex jipprovdi akkomodazzjoni u, jekk ikun il-każ, servizzi oħra fil-lukanda tiegħu, għaldaqstant mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 43 ta' dan l-Att huwa għandu jara li t-turist jew it-turisti li lilhom, jew li dwarhom, l-akkomodazzjoni u servizzi oħra, jekk ikun il-każ, kellhom jiġu provduti, jingħataw akkomodazzjoni u servizzi simili, jekk ikun il-każ, f'lukanda oħra ta' l-istess kategorija jew ta' kategorija ogħla li tkun tinsab kemm jista' jkun biswit il-lukanda tiegħu u l-lukandier ikun responsabbli għal u għandu jħallas għal kull differenza bejn il-prezz għall-akkomodazzjoni u għal servizzi oħra, jekk ikun il-każ, li kellhom jiġu provduti fil-lukanda tal-lukandier u l-prezz li jitħallas f'dik il-lukanda l-oħra:**
>
> **Iżda meta turist jiġi akkomodat f'lukanda ta' kategorija iktar baxxa minn dik li fiha kellha tiġi provduta l-akkomodazzjoni sew għax hekk jagħżel li jagħmel sew għax il-lukandier ma jkunx jista' jsiblu lukanda alternattiva kif provdut f'dan is-subartikolu, il-lukandier għandu, salv kull rimedju ieħor li jista' jkun disponibbli għat-turist jew għall-persuna li tkun għamlet il-kuntratt mal-lukandier, minnufih iħallas lill-persuna li magħha jkun għamel il-kuntratt kull differenza bejn il-prezz għall-akkomodazzjoni u servizzi oħra, jekk ikun il-każ, li kellhom jiġu provduti fil-lukanda tal-lukandier u l-prezz imħallas fil-lukanda tal-kategorija iktar baxxa.".**

Il-kelliem ghall-opposizzjoni Dr. Karmenu Vella ighid hekk meta jghaddi il-kummenti tieghu fuq din id-disposizzjoni tal-ligi kif f'dak l-istadju proposta:

> **"Se nitkellem fuq subklawsola (8), kif qiegħda fl-emenda li għadu kemm ressaq il-Ministru, li tittratta l-problema ta' l-*overbookings*. Jiena naqbel mija fil-mija ma' dak li qiegħed jingħad hawnhekk, fejn qed ngħidu li jekk *hotelier* jagħmel *overbookings,* lit-turist irid jitfgħu f'*hotel* aħjar milli għandu. Però ma jingħad imkien jekk għall-fini ta' din il-liġi l-*overbookings* humiex se jibdew jitqiesu bħala reat jew bħala kontravenzjoni. ....**

> **Però barra l-*overbookings* qed ikollna l-problema ta' *stop sales,* li għalija hija agħar mill-problema ta' l-*overbookings*.**
>
> **Wieħed irid jifhem li meta operatur minn barra jikri 50 kamra ta' *hotel* f'Malta, ġeneralment dan ikun ħa allokazzjoni ta' 50 *seat* fuq l-ajruplan. Mela jekk lukanda kellha *overbooking,* it-turist laħaq ġie u biddlulu l-lukanda tiegħu, l-operatur ma tantx imur daqshekk batut, imma meta l-operatur jieħu *allocation* ta' kmamar f'Malta u jieħu *allocation* ta' *seats* fuq linja ta' l-ajru, meta l-lukandiera jagħmlulu *stop sale* dan se jibqa' bis-*seats* fuq l-ajruplan ma' wiċċu. U hawnhekk inkunu qed nikkawżaw dannu lill-operatur direttament u ndirettament ikun qed isir dannu lis-settur tat-turiżmu f'pajjiżna. Naħseb li jekk se nikkonsidraw l-*overbookings* hawnhekk għandna nikkonsidraw anke *stop sales* li jkun hemm kuntratt diġà fuqhom."**

Illi minn dan id-dibattitu paralamentari allura huwa bil-wisq evidenti illi l-artikolu 18(8) ta'l-Att ma kellux ikopri is-sitwazzjoni bhal kaz li issa jinsab taht il-lenti tal-Qorti. Dan ghaliex jirrizulta illi il-vjolazzjoni li tat il-bidu ghat-tilwima bejn il-lukandier u l-agent li hadet hsieb l-akkomodazzjoni tal-istudenti kien in-nuqqas ta' adempjenza kontrattwali da parti tal-istess agent Jasmin Voss li kienet qed tidher ghan-nom tas-socjeta Malta Rooms indikata fuq il-kuntratt bhala "the Client" u l-lukandier Peter Paul Testaferrata Moroni Viani li kien qed jidher ghan-nom tas-socjeta Tourist Services Limited, u dan meta Voss naqqset milli thallas ghas-servizzi rezi ta'allogg kif kienet intrabet li taghmel skont l-obbligi kontrattwali minnha assunti.

Illi allura ma jistax jikkonfigura r-reat mahsub fl-artikolu 18 kif sanzjonat fl-artikolu 43 ta'l-Att, izda semmai bil-fatt illi l-appellanti jew min minnhom qabad u biddel is-serratura tal-appartament mikri, seta' jikkonfigura ir-reat ta' *ragion fattasi* kif mahsub fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, ghalkemm f'dan il-kaz, kif jirrizulta mill-korrispondenza skambjata bejn s-socjeta Tourist Services Limited u l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan, jidher illi l-azzjoni mehuda mill-lukandier fil-konfront tal-allogjati kienet sehhet bil-benedizzjoni tal-pulizija!

Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tqies illi l-artikolu 18(8) ghandu isib applikazzjoni ghal fattispecje tal-kaz, xortawahda l-elementi tar-reat ma jissussistux. Illi fit-termini ta' din id-disposizzjoni tal-ligi mhux biss jidher illi issir distinzjoni

bejn il-lukandier, il-persuna li magħha il-lukandier ikun għamel il-kuntratt u it-turist, izda ukoll irid jezisti:

1. kuntratt jew ftehim fejn lukandier jintrabat li jipprovdi akkomodazzjoni jew servizzi oħra.

2. Illi dak il-lukandier jonqos milli jottempera ruħu ma' dak il-kuntratt jew ftehim.

3. Illi l-lukandier jonqos milli jipprovdi akkomodazzjoni jew servizzi alternattivi u simili lit-turist li lilu jkun qed jigi pprovdut dak l-akkomodazzjoni jew dawk is-servizzi f'lukanda fil-vicin meta ssehh il-ksur kontrattwali.

Minn dawn l-elementi, mhux biss din il-Qorti tqies illi johrog car illi il-legislatur qiegħed jipprevedi xenarju ta' *overbooking*, izda fuq kollox jirrizulta illi l-lukandier irid jkun hati ta' ksur unilaterali u mingħajr gustifikazzjoni tal-ftehim assunt minnu u dan għaliex ma jkunx f'posizzjoni li joffri l-akkomodazzjoni jew is-servizz li dwaru jkun intrabat.

Issa fil-kaz in dizamina ma jidhirx illi l-appellanti ma kienux f'posizzjoni joffru is-servizzi tagħhom u li għalhekk kienu qed jonqsu mill-obbligazzjoni minnhom assunti, izda il-ksur kien qed isehh mill-klijent tagħhom li kienet qed tonqos milli tagħmel il-ħlas dovut għas-servizzi lilha rezi meta rrizulta illi hija fil-fatt kienet diga' irceviet il-ħlas għaldaqstant.

Illi b'analogija din il-Qorti ser tagħmel referenza għal dak li tipprovdi l-Legislazzjoni Sussidjarja 409.09 u cioe' ir-Regolamenti dwar l-Operaturi tal-Ivjaggar u l-Operaturi tal-Giti Organizzati, li għalkemm Jasmin Voss tista' ma tinkwadrax ruħha perfettament fil-figura ta' opertatur tal-ivjagar jew ta' xi gita organizzata, madanakollu tqies illi d-dmir li dawn ir-regolamenti jimponu fuq dawn l-operaturi għandu isib applikazzjoni ukoll fil-figura tal-agent li jkun intrabat mal-lukandier jew lukandiera li joffri akkomodazzjoni lit-turist. Ir-regolament 8(2) jipprovdi illi:

> **"Meta operatur ta' l-ivjaggar li specifikament jagħmilha ta'agent ta' operatur ta' gita jircievi l-ħlas għall-akkommodazzjoni provduta, huwa għandu minnufih jibgħat dawk il-ħlasijiet lill-operatur ta' l-**

**akkommodazzjoni turistika u f'ebda kaz iktar tard minn tletin jum minn meta jircievi dak il-hlas."**

Dan ghaliex it-turist li jkun ghamel il-hlasijiet kollha ghas-servizzi li lilu jkunu ser jigu pprovduti waqt il-vjagg tieghu, ghandu ikollu mohhu mistrieh illi mhux ser isib ruhu minghajr akkomodazzjoni matul il-permamenza tieghu f'pajjiz barrani u dan ghaliex l-agent ikun naqas mid-dmirijiet tieghu u ma ghamilx il-pagamenti li jkun diga' irceva minn ghand il-klijent tieghu.

Illi allura fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet l-agent Jasmin Voss li naqqset fil-konfront tal-alloggjati u cioe' l-istudenti li hija kienet intrabtet maghhom li tiehu hsieb l-akkomodazzjoni taghhom u li minn ghandhom kienet diga irceviet il-hlas ghas-servizz li lilhom kien ser jigi rez, u mhux l-appellanti li jidher illi kienu qed joffru is-servizzi taghhom ghalkemm ma kienux ircevew id-debitu pagament ghal tali servizzi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti illi l-appellanti huma hatja tar-reat lilhom addebitat u dan billi l-artiklu 18(8) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandux isib applikazzjoni ghal fattispecje tal-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tirrevoka id-decizjoni appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft)Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Regstratur